

2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur serju mill-Kummissjoni tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u ta' ċertezza legali

Il-Kummissjoni kienet tat assigurarazzjonijiet ċari, mingħajr ebda riżerva u konsistenti li l-materjali użati fil-vetturi ferrovjarji kellhom jissodisfaw rekwiżiti li l-Kummissjoni stess kienet stabbilixxiet. Fid-dawl ta' dawn l-assigurarazzjonijiet, ir-rikorrenti wettqet investimenti sostanzjali, fost oħrajn, fl-iżvilupp ta' teknoloġija li tissodisfa dawn ir-rekwiżiti, li ġew ma jiswew xejn minħabba n-nuqqas ta' teħid ta' azzjoni mill-Kummissjoni.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur serju mill-Kummissjoni tad-dritt fundamentali għall-proprjetà tar-rikorrenti skont l-Artikolu 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ⁽²⁾

Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, li, skont l-Artikolu 52 tal-Karta, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni meta tiġi interpretata l-Karta, il-Kummissjoni hija responsabbli sabiex tieħu miżuri pożittivi sabiex tippoteġi l-proprjetà intellettuali tar-rikorrenti. Il-Kummissjoni ma ħaditx tali miżuri.

4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq ksur tad-dritt tar-rikorrenti għal amministrazzjoni tajba skont l-Artikolu 41 tal-Karta.

Wara li r-rikorrenti kienet ippreżentat ilment formali kontra l-akkordju, il-Kummissjoni ħadet madwar erba' snin sabiex tinforma lir-rikorrenti li ma kellhiex l-intenzjoni li ttejjem l-allegat ksur abbażi ta' dan l-ilment u għadha ma adottatx deċiżjoni finali dwar l-ilment. Madankollu, il-partijiet tal-fajl żvelati mill-Kummissjoni ma żvelaw l-ebda raġuni għat-tul tal-proċedura. Il-Kummissjoni għalhekk kienet responsabbli għal ksur tal-Artikolu 41 tal-Karta.

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205).

⁽²⁾ Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2012, C 326, p. 391).

Rikors ippreżentat fit-13 ta' Diċembru 2021 – Brobet vs EUIPO – Efbet Partners (efbet)

(Kawża T-772/21)

(2022/C 73/66)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Brobet Ltd. (Ta'Xbiex, Malta) (rappreżentant: F. Bojinova, lawyer)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Efbet Partners OOD (Sofia, il-Bulgarija)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark verbali figurattiva tal-Unjoni Ewropea efbet – Trade mark tal-Unjoni Nru 10 818 748

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' kanċellazzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-22 ta' Settembru 2021 fil-Każ R 624/2021-2

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla parzjalment id-deċiżjoni kkontestata, b'mod partikolari l-parti tat-Taqsima 3 li fiha l-appell ta' Brobet Limited ġie miċħud għal dak li jikkonċerna r-revoka tad-drittijiet tal-istess parti fit-trade mark tal-Unjoni Nru 010818748 għall-prodotti u s-servizzi li ġejjin: *Interface tal-komputer*; *Softwer tal-komputer irreġistrat li jista' jiġi ttrasferut għal mezz ieħor*; *Apparat tal-logħob elettroniku*; u *s-servizz fil-klassi 9 u Divertiment (minbarra logħob tal-azzard)*; *Servizzi ta' informazzjoni fil-qasam tad-divertiment (minbarra logħob tal-azzard)*; *Servizzi ta' logħob (minbarra logħob tal-azzard) fil-klassi 41*;

— tordna lill-EUIPO jbati l-ispejjeż imġarrba mir-rikorrenti fir-rigward ta' din l-azzjoni għal annullament.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 95(1) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur, alternattivament, tal-Artikolu 95(2) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif interpretat mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea;
- Ksur tal-Artikolu 58(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fil-15 ta' Diċembru 2021 – Financiere Batteur vs EUIPO – Leno Beauty (by L.e.n.o beauty)

(Kawża T-779/21)

(2022/C 73/67)

Lingwa tar-rikors: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Financiere Batteur (Hérouville-Saint-Clair, Franza) (rappreżentanti: P. Greffe u F. Donaud, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Leno Beauty Sas (Ventimiglia, l-Italja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: l-applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea “by L.e.n.o beauty” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 18 083 647

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-13 ta' Ottubru 2021 fil-Każ R 514/2021-2

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
-